**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 133/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs.**

**Roderick Grech**

**Errol Grech**

Illum 8 ta' Ottubru 2020

Il Qorti:

Rat li tressqu taht arrest lil:

**Roderick Grech, iben Grazio u Antonia nee` Mifsud, imwieled Pieta` nhar l- 10 ta` Novembru 1985, residenti 15, Misrah il-Bjar, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita` numru 554285(M)**

**Errol Grech, iben Grazio u Antonia nee` Mifsud, imwieled Pieta` nhar it- 28 ta` Awissu 1979, residenti 15, Misrah il-Bjar, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita` numru 410979(M)**

U nakkuzahom talli, f' dawn il-Gzejjer nhar il- 05 ta` Marzu 2019 bejn l-erbgha u nofs ta` filghodu u l-hamsa ta` filghodu (04: 30a.m - 05: 00a.m) fi Triq Hal Gwann, Zejtun u/jew fil-vicinanzi:-

Volontarjament taw in-nar lil bini, vettura, gharix, jew lok iehor imsemmi fl-ahhar artikolu ta` qabel dan, izda meta gewwa ma kien hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, jew kull min volontarjament ta` in-nar lil materjal li jaqbad, u da nil-bini, gharix, jew lok iehor, jew da nil-materjal, kien qieghed b`mod li jista` jqabbad il-hruq lil bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn f`dak il-waqt hem gewwa kien hem xi persuna (Art. 317 (b) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi volontarjament, hassru ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe` vettura tal-ghamla VW numru ta` registrazzjoni DCA 406 ghad dannu ta` Rosario Grech u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) izda hi aktar minn mitejn u hamsin euro (€250) (Art. 325 (1)(b) Kap 9 tal-ligijiet ta` Malta. )

Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkagunajtu lil Rosario Grech biza li se tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra l-propjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni msemmija fl-artikolu (Art. 251B u 251H (a), (b), (e) – Kap.9 Ligijiet ta' Malta)

Roderick Grech wahdu akkuzat aktar talli rrenda ruhu recediv ai tenur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Il-Qorti hi gentilment mitluba illi f`kaz ta' htija tipprovdi ghall-garanzija ta` Rosario Grech skond artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti hija gentilment ukoll f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta u protezzjoni ta' Rosario Grech kif jidhrilha xieraq, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputati fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2019, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputati tennew li ma kienux hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.[1]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2020 il-partijiet ivverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma' lix-xhieda prodotti.

Rat illi l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja[3].

[1] Folio 7 u 8 ta' l-atti processwali
[2] Folio 75-77 ta' l-atti processwali
[3] Dok TM11 Folio 30 ta' l-atti proesswali

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-24 ta' Frar 2020.

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar is-27 ta' Awissu 2020.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti inkluz kif diversament presjeduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tas-27 ta' Awissu 2020.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar il-5 ta' Marzu 2019 meta certu Rosario Grech irraporta lill-pulizija li hutu, certi Roderick Greck u Errol Grech, kienu qeghdin jippruvaw ikkissrulu l-vettura tieghu u iqabbduhielu bin-nar. Mill-investigazzjonijiet tal-pulizija irrizulta li din il-vettura soffriet il-hsara u l-hruq kif ukoll li sabu diversi karti li kellhom partijiet minnhom mahruqin u kienu fl-art taht l-istess vettura.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019 xehed **l-Ispettur Anzjan Trevor Micallef**, stazzjonat fl-Ghassa taz-Zejtun, fejn huwa stqarr li nhar il-5 ta' Marzu 2019 ghall-habta tas-06:00hrs, huwa gie nfurmat minn PS 1227 li kien dahal rapport minn certu Rosario Grech fejn dan kien allega li tnejn minn hutu u cioè iz-zewg imputati Roderick Grech u Errol Grech kienu ghamlulu hsarat fil-vettura tieghu tal-ghamla Volkswagen bin-numru ta' registrazzjoni DCA406 kif ukoll kien rahom jippruvaw jaharqu is-sedil tal-istess karozza. X' hin rahom jaghmlu dan, ghajtilhom u telqu 'l hemm u kien irnexxielu jitfi n-nar. Il-Pulizija marret fid-dar fejn joqghodu z-zewg imputati fejn arrestat kemm lil Roderick Grech u ftit tal-hin wara lil Errol Grech, minhabba li dan tal-ahhar kien fis-sakra. Ix-xhud spjega li huwa kien kellem lil Errol Grech fin-12:25hrs fejn dan kien ghazel li jkellem lil Dr Martin Fenech qabel ma ta stqarrija. Wara ittiehdet ukoll l-istqarrija ta' Roderick Grech, wara li dan kien ghazel li ma jkellimx avukat. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma li kienu ittiehdu ritratti tal-karozza involuta u tal-lok tal-incident minn ufficjali tat-taqsima forensika izda ma kienux setghu jittiehdu impronti digitali. Iccara ukoll li r-rapport dahal fl-04:30hrs, l-ewwel allegatament kien hemm il-hsara fil-vettura fejn meta l-allegat vittma sema l-hsejjes, hareg u rahom jaharbu b'karrozza ta' wiehed minnhom imbaghad ftit wara regghu marru fuq il-post u gew innotati kokka jipprovaw jaharqu s-sedil tal-karozza.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Rosario Grech**. Huwa stqarr li nhar il-5 ta' Marzu 2019 huwa kien rieqed id-dar meta huwa sema xi hsejjes bhal qishom daqqiet. Huwa hareg fil-gallarija jara x'kien qed jigri u ra li l-karozza tieghu tat-tip VW Golf kella mera minnhom kif ukoll il-*windscreen* imkissra. Fuq il-post seta' jara lil hutu l-imputati Roderick Grech u Errol Grech. Dak il-hin, ix-xhud cempel lilll-Pulizija. Kompla jirrakkonta li madwar nofs siegha wara rega' sema' hoss u meta hareg jittawwal, ra lill-imputati hdejn il-bieba tal-passiggier ta' quddiem tal-karozza li kienet miftuha. X'hin ghajjtilhom mill-gallarija, l-imputati telqu minn fuq il-post. Ix-xhud induna li kien hemm xi duhhan hiereg mill-karrozza u nizel jigri u tefa' n-nar. Ix-xhud ikkonferma li huwa kien kiseb stima ghat-tiswijiet necessarji li tghid li l-windscreen jiswa €220 bit-twahhil b'kollox, il-mirja €100 u s-sedil €100 ohra. L-istima giet imhejjija minn certu persuna jismu Tyrone li xoghlu jsewwi l-karozzi. In kontro-ezami, ikkonferma li l-ewwel darba li sema l-hsejjes kien madwar l-04:00hrs. Dak il-hin huwa kien rieqed fit-tieni sular, fejn il-kamra tas-sodda, li ghandha gallarija, taghti ghal fuq it-triq. L-istorbju li sema' kien jikkonsisti f'daqqiet. Meta hareg fil-gallarija seta' jara' sew minhabba li l-karozza kienet ipparkjata faccata tad-dar, ftit zghira naqra 'l fuq. Huwa seta' jara' l-mera mkissra imbaghad meta nizel sab li kien hemm hsara fil-*windscreen* u l-*wipers* ukoll. Huwa ccara li seta' jaghraf li l-allegati malviventi kienu filfatt hutu l-imputati Roderick u Errol Grech it-tieni darba li huma marru fuq il-post, u cioè meta kienu kokka hdejn il-bieba tal-karozza. Ghalkemm huwa cempel lill-Pulizija hekk kid sema' l-hsejjes u nduna li kienet saret il-hsara, dawn kienu ghadhom ma tfaccawx fuq il-post sa ma l-imputati regghu kienu hemm u pruvaw jaharqu s-sedil tal-karozza madwar nofs siegha wara.

Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2020 xehed **PS 1227 Malcolm Pace**, stazzjonat fl-Għassa taż-Żurrieq li stqarr li fil-5 ta' Marzu 2019 ghall-habta tal-05:05hrs kien gie nfurmat minn PC 206 li kien qiegħed orderly li kienet għadha kemm daħlet telefonata minn ċertu Rosario Grech fejn dan talab l-assistenza tagħna minħabba li kien hemm ċertu Roderick Grech u Errol Grech, li jiġu ħutu, li kienu ippruvaw ikkisrulu l-vettura tiegħu li kienet tinstab ġewwa Triq Ħal Ġwann, iż-Żejtun. Il-Pulizija, inkluż ix-xhud marru fuq il-post fejn ġie mitkellem Rosario Grech li qal  li l-imputati kienu taw daqqiet bis-sieq mal-vettura tiegu tat-tip VW Golf kif ukoll ippruvaw ikissrulu l-*windscreen*. Wara ftit il-Pulizija reġgħat ġiet infurmata li l-istess individwi ppruvaw jaħarqu l-imsemmija vettura. X'ħin il-Pulizja waslet fuq il-post, huma ma kienux qegħdin hemmhekk. Ix-xhud spjega li l-vettura kienet ipparkjata faċċata tar-residenza tal-kwerelant u kellha l-*windscreen* ta' quddiem mifqugħ u l-ħġieġa tan-naħa tax-xufier bid-daqqiet fuqha. Seta' jinnota ukoll diversi karti li kellhom partijiet minnhom maħruqin taħt l-istess vettura. Ix-xhud stqarr li l-kwerelant kien qallu li kien ra mill-gallarija tar-residenza tiegħu lil ħutu l-imputati qegħdin fuq il-bankina baxxuti fuq in-naħa tax-xellug tal-karozza, bil-bieba ta' quddiem miftuħa u t-tnejn li huma kienu qegħdin iqabbdu s-seat tal-passiġġier. Qal ukoll li l-każ kien beda dakinhar għall-ħabta tal-04:40hrs fejn beda jisma' bħal ħsejjes qawwija ta' taħbit li kien ġej minn barra t-triq u kif iċċekkja mill-gallarija innota liż-żewġ ħutu qegħdin jagħmlulu xi ħaġa mal-karozza. Huwa qal li kienu telqu minn fuq il-post b'vettura Toyota ta' kulur adjad. Qal ukoll li ftit wara reġa' induna bil-preżenza tagħhom fuq il-post fejn din id-darba sabhom baxxuti u kienu qegħdin iqabbdulu l-karozza. X'ħin ra hekk niżel jiġri fejn

is-sedil tal-vettura kien qed jaqbad u l-ewwel ħaġa li ġietu f'idu kien tapit u pprova jitfih e bih. Il-kwerelant kien qal ukoll li xi jumejn qabel Roderick Grech kien mar ġewwa r-residenza tiegħu fejn kif fetaħlu innota li f'idu kellu tnalja u beda jistaqsi jekk it-tfajla li kellu kinietx qegħda ġewwa r-residenza tiegħu. Wara li infurmah li ma kinietx qegħda għandu telaq 'il barra. Il-kwerelant kien stqarr ukoll li l-karozza tiegħu għandha s-serratura tagħha bil-ħsara u ma tissakkarx u allura setgħu jiftħu l-karozza mingħajr problema. Wara li x-xhud informa lill-Ispettur Trevor Micallef b'dak li kien ġara, inħarġu struzzjonijiet sabiex l-imputati jiġu arrestati. Roderick Grech ġie arrestat immedjatament iżda Errol Grech kien fi stat ta' sakra qawwija u allura ma ġiex arrestat dak il-ħin iżda għall-ħabta tal-12:00hrs. In kontro-eżami, ix-xhud ikkonferma illi huwa ma kien ra xejn jiġri quddiemu imma biss aġixxa fuq rapport li kien sar minn Rosario Grech.

Fl-istess seduta xehed ukoll **PC 976 Thomas Zammit**, stazzjonat fis-Sezzjoni Forensika li stqarr li nhar il-5 ta' Marzu 2019 għall-ħabta tat-07:45hrs ġie nfurmat mill-Ispettur Trevor Micallef li kien hemm inċident ġewwa Triq Ħal Ġwann, iż-Żejtun. Għalhekk huwa aċċeda fuq il-post għall-ħabta tat-08:20hrs fejn ġibed erbatax(14)-il ritratt.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Stephen Cachia**, rappreżentant tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta fejn ikkonferma li l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DCA 406, ta' għamla Volkswagen Golf ta' kulur *silver* hija reġistrata fuq Rosario Grech, detentur tal-karta tal-identità 266973M u din il-vettura ilha hekk reġistrata fuq ismu mis-7 ta' Lulju 2014.

**Ikkunsidrat**

**Grad tal-prova fi proceduri penali għas-sejbien ta' ħtija**

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu tal-imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi**[4], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu,* ***ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex***

[4] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001

*__jwaqqfu dik l-attivita'__. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

*"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni **ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak ...[ir-reat]... u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir.**"*

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[5] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"*.[6]

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John**[7] gie ritenut li *"fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat"*.

---

[5] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959

[6] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.

[7] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[8] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372):** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat**[9]

> *'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*
>
> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*
>
> *Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can*

[8] deciz 5/12/1997
[9] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

*be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat ta' hruq b'periklu komuni**

Illi l-imputati gew akkuzati li volontarjament taw nar lill-karozza ta' huhom Rosario Grech skont l-artikolu 317(b) tal-Kodici Kriminali li jghid:

*Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura,għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, iżdameta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew,kull min volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikunqiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jewlok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna,jeħel, meta jinsab ħati –*

*(b) jekk il-ħruq ma jqabbadx il-bini, għarix, jew lok ieħor,il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa ħames snin.*

Illi dwar it-test ta' x'ghandu jigi kkunsidrat bhala prova ta' l-element materjali ta' dan ir-reat, din il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Saviour Bugeja**[10] fejn il-Qorti tidhol fid-dettal fil-prova ta' l-element materjali tar-reat. Fost diversi referenzi l-Qorti ghamlet is-segwenti referenzi:

*"Il-MAINO ("Commento al Codice Penale" (Vol. II. P. 121) jikkummenta hekk dwar l-element materjali tarreat in dizamina :-*

[10] Appell Kriminali, Onor. Imhallef Joseph Galea Debono, Deciza 3 ta' Dicembru 2004; Appell Numru 14/2002

*"…non e' necessaria alla consumazione del reato la totale distruzione di cio' che si voleva abbruciare : basta che il fuoco si sia appiccato alla cosa . E anche questa formola non deve essere presa troppo alla lettera – nel senso , per esempio , che si tratta d' incendio d'una casa occorra che il fuoco siasi appreso a quei combustibili che per essere fixta et iuncta fanno parte integrante della casa medesima : quando anche il fuoco sia stato appiccato a mobili , masserizie ed altro colla possibilita' di estendersi a tutta la casa , il reato e' perfetto quantunque ancora il fuoco non siasi appreso ai palchi , alle travi, agli usci . Il fuoco appiccato non e' tentattivo , ma reato consumato : il tentattivo si puo' avere soltanto in atti precedenti che ancora non abbiano prodotto la excitatio ignis."*

*L-istess jghid il-CARRARA (Programma del Corso di Diritto Criminale, Parte Speciale , Vol. 6.p.210) "incendium est delictum , quo ignis periculosus excitatur" , Accetto questa definizione , e sulla medesima vado a cercare I criterii essenziali di questo malefizio."… "Siffatti criterii essenziali si riducono a due – 1. Lo eccitamento del fuoco – 2. il pericolo . La prima formula determina il momento consumativo del reato , il quale , per commune consenso di tutte le scuole , non si deve attendere dalla totale distruzione di cio' che voleva abbruciarsi , ma si esaurisce tostoche' il fuoco e' appiccato alla cosa . La seconda formola esprime veramente la caratteristica costutuente il titolo d' incendio come delitto contro la pubblica tranquillita', perche' se a commuovere questa non e' necessario il danno universale effettivo, e' pero' indispensabile almeno la potenzialita' di un danno estensibile ad un numero indefinito di cittadini."*

*L-istess jghid ADOLFO ZERBOGLIO "Trattato di Diritto Penale" (Vol. VIII, "Delitti contro la pubblica incolumita'", p. 41) :- "Il delitto si compie con l'appiccare il fuoco , di cui e' poi conseguenza l' incendio"*

*Fil-ligi Ingliza kontemporanja li ukoll kienet tixbah hafna jekk mhux addirittura kienet kwazi identika ghad-dispozizzjoni taghna in dizamina u li qabel ma dahal in vigore il-Criminal Damage Act,1971,(Sec. I (3)) kienet regolata bil-Malicious Damage Act , 1861 (Sections 2 u 3), il-gurisprudenza hija li :-*

*"For the offence to be complete some property must be destroyed or damaged by fire. The damage may of course be quite insignificant (it would be enough for example, that wood is charred) but there must be some damage by fire; it would not be enough if property is merely blackened by smoke though there might well be an attempt in such a case." (Cf. Parker (1839) 9 C & P 45) (Ara SMITH & HOGAN, Criminal Law 4 th. Edit. p. 670.) 4ARCHBOLD ("Criminal Pleading, Evidence and Practice", 31st . edit. p. 793) meta jikkummenta fuq lartikoli relattivi jghid:- "the words in the Malicious Damage Act, 1861, ss. 1-7, are "set fire to" (identici ghall-kliem fit-test Ingliz talKodici Kriminali, Kap.9) merely; and therefore it is not necessary to aver in the indictment that the house , etc. was burnt ; nor need it be proved that the house, etc. was actually consumed, nor that any flame was visible: R. v. Salmon , R. & R. 26 ; R. v. Stallion , 1 Mood . 398…..But the burning and consuming of any part of the house, however trifling, is sufficient, although the fire is afterwards extinguished : 1 Hawk . c. 39 s. 17; 3 Co. Inst. 66; Hale 569; Dalt. C. 159. Where on an indictment …it was proved that "the floor of a room was scorched; that it was charred in a trifling way; it had been a red heat , but not a blaze" , this was held a sufficient burning to support an indictment : R. v. Parker , 9 C. & P. 45, Bosanquet , J. , and Parke, B. support an indictment : R. v. Parker , 9 C. & P. 45, Bosanquet , J. , and Parke, B."*

Il-Qorti fl-istess sentenza kompliet biex tiddikjara:

*"Illi fid-dawl ta' dawn il-principju kif fuq enuincjati w a bazi tar-rizultanzi f' din il-kawza, indipendentement mill-kwistjoni ta' min kien l-awtur, din il-Qorti*

*m'ghandha ebda ezitazzjoni li tghid li l-appikkar ta' nar b' likwidu nfjammabbli bhal ma hu l-petrol , mallbieb ta' barra, li qabad bix-xambrelli b'kollox u bi hsarat ghall-arkata tal-gebel ta' fuqu w meta sahansitra l-likwidu nfjammabbli jippermeja minn taht il-bieb u jinfirex fuq il-partijiet tad-dar il gewwa millbieb, fejn sahansitra nqasam madum bin-nar u b'perikolu car u manifest li jaqbdu, twapet, ghamara, suppellettili, purtieri w oggetti ohra li jkunu vicin dan il-likwidu nfjammabbli, zgur li jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat indikat fl-ewwel kap. Meta hu risaput li l-mod prevalenti ta' kostruzzjoni f' dan il-pajjiz huwa l-gebel li ovvjament ma jaqbadx minnu nnifsu, wiehed ma jistax logikament u bil-buon sens jippretendi li lligi ghandha tigi interpreta li biex isehh ir-reat in dizamina irid jaqbad il-gebel tad-dar. Bizzejjed li jaqbdu anki ftit jew aktar mill-oggetti nfjammabbli li flimkien mall-gebel u fixtures ohra jikkomponu dar t' abitazzjoni jew jghammruha, b' mod li joholqu lperikolu potenzjali jew ghall-inkolumita' tal-okkupanti jew ghall-istess proprjeta' biss (fil-kaz tas-subinciz (b) ), biex ikun kunsmat ir-reat. F' dan il-kaz irrizulta li qabad u gie danneggjat il-bieb ta' barra li hu parti ntegrali mid-dar ghax ma tistax tikkoncepixxi dar minghajr bieb ta' barra, x-xambrelli w gie danneggjat l-gebel ta' l-arkata, kif ukoll li bin-nar li kien qed jaqbad fuqhom, inqasmu uhud mill-madum tal-entrata fuq gewwa w dan ghalhekk ma jista' jhalli ebda dubju li dan kien kaz ta' reat t' incendiu doluz."*[11]

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Regina v G and R**[12] fejn intqal mill Lord Bingham of Cornhill

*"In any statutory definition of a crime, 'malice' must, as we have already seen, be taken – not in its vague common law sense as 'wickedness' in general, but – as requiring an actual intention to do the particular kind of harm that in fact was*

---

[11] Folio 10 tas-sentenza

[12] HL 16 ta' Ottubru 2003

*done . . For it is essential to arson that the incendiary either should have intended the building to take fire, or, at least, should have recognised the probability of its taking fire and have been reckless as to whether or not it did so.'32 'Again, if you think that the prisoner set fire to the frame of the picture with a knowledge that in all probability the house itself would thereby be set on fire, and that he was reckless and utterly indifferent whether the house caught fire or not, that is abundant evidence from which you may, if you think fit, draw the inference that he intended the probable consequences of his act, and if you draw that inference, then, inasmuchas the house was in fact set on fire through the medium of the picture frame, the prisoner's crime would be that of arson.'*[13]

*Lord Diplock qal: 'I see no rational ground for excluding from conduct capable of giving rise to criminal liability, conduct which consists of failing to take measures that lie within one's power to counteract a danger that one has oneself created, if at the time of such conduct one's state of mind is such as constitutes a necessary ingredient of the offence. I venture to think that the habit of lawyers to talk of actus reus, suggestive as it is of action rather than inaction, is responsible for any erroneous notion that failures to act cannot give rise to criminal liability in English Law.'*[14]

Illi skond Blackstone Criminal Practice:

*"Arson differs from simple or aggravated criminal damage only in that the destruction or damage to the property must be set 'by fire'. Quaere whether this might extend to damage caused, for example, by water in saving the property*

[13] Regina v Harris:18 (1882) 15 Cox CC 75
[14] Regina v Miller: HL 17 ta' Marzu 1982

*from imminent destruction by the fire, or by a fall resulting from the collapse due to fire of a structure on which the property had stood."*[15]

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel imputazzjoni**

Illi mill-provi jirrizulta li l-imputati fil-lejl tal-5 ta' Marzu 2019 kienu ghamlu hsara fil-vettura ta' huhom Rosario Grech tal-ghamla Volkswagen bin-numru ta' registrazzjoni DCA406. Rosario Grech ra dan l-avveniment b'ghajnejh kif ukoll rahom kokka ma' l-art iqabbdu s-sedil tal-karozza bin-nar. Meta Rosario Grech ra x'kienu qeghdin jaghmlu beda jajtilhom u wara li harbu minn fuq il-post irnexxielu jitfi dan in-nar. Meta l-imputati gew arrestati ftit ta' sieghat wara, Errol Grech kien ghadu fi stat ta' sakra.

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Anzjan Trevor Micallef irrizulta li l-pulizija marru fuq il-post in kwistjoni u raw il-karozza fil-kundizzjonijiet li kienet spiccat. Sussegwentement kienu sar xi testijiet forensici inkluz it-tehid ta' ritratti.

Ix-xhud PC973 Thomas Zammit ipprezenta rapport b'sett ta' ritratti li ittiehdu dakinhar ta' l-incident.[16]

Illi f'dawn ir-ritratti jidher kif il-vettura in kwistjoni kienet ipparkjata, il-hsara fuq il-*windscreen, il-wipers, side mirrors*, il-genb tal-karozza, is-sedil tal-karozza, il-karti mahruqin ma' l-art, u t-tapit li ntuza biex jintefa n-nar, kif ukoll il-hsara li saret fuq gewwa l-vettura u l-hruq li kien lahaq sehh.

[15] Blackstones Criminal Practice, 2006, B8.24

[16] Dok TZ1 Folio 89-100 ta' l-atti processwali

Mix-xhieda ta' Rosario Grech li nghatat viva voce sitt ijiem wara l-incident, stqarr li dak in-nhar kien rieqed id-dar u sema hsejjes ta' daqqiet. Meta hareg fil-gallerija ra *"il-mera tal-karozza imkissra wahda minnhom u inzilt nittawwal u barra l-mera kien hemm il-windscreen imkisser."*[17] Il-vettura in kwistjoni kienet tal-marka Volkswagen Golf, bin-numru ta' registrazzjoni DCA 406. Illi s-sid tal-vettura gie ikkonfermat mix-xhud Stephen Cachia.[18]

Ix-xhud Rosario Grech ikompli jghid li:

*"Dak il-hin wara ftit rajt lil Roderick u lil Errol sejrin jimxu imbaghad wara ftit dhalt id-dar u cempilt lill-Pulizija u dhalt id-dar jiena. Xi nofs siegha wara ergajt smajt hoss u rajthom hdejn il-bieba tal-karozza lil Errol u lil Roderick. Ghidtilhom xintom taghmlu hemm u kif ghidtilhom hekk telqu minn fejn il-karozza..*

….

*Dak il-hin kien hemm il-karrozza bil-bieba miftuha.*

…..

*Qeghdin baxxi kienu qeghdin, imma xkienu qeghdin jaghmlu ma nafx. Kif telqu minn hdejn il-karozza rajt qisu duhhan hiereg mill-karozza. Inzilt nigri u tfejtu. Dak li gara biss.*

….

---

[17] Folio 38 ta' l-atti processwali
[18] Dok SC1, Folio 83-86 ta' l-atti processwali

*Dak il-hin ma stajtx narahom, imma xhin qamu, xhin ghidtilhom intom min intom qamu t-tnejn li huma."*"[19]

Meta gie mistoqsi jikkonferma jekk il-persuni li ra kienux l-imputati, ix-xhud wiegeb *"Mija fil-mija"*.[20]

In kontro ezami, ix-xhud ikkonferma li l-vettura tieghu kienet ipparkjata faccata tad-dar tieghu daqs zewg bibien 'il fuq mir-residenza tieghu, u li cempel lill-pulizija mal-ewwel, izda ma kienux lahhqu gew u fil-frattemp regghu gew l-imputati ghat-tieni darba.

Sussegwentement ix-xhud Rosario Grech rega' gie mitlub jixhed in kontro ezami fuq talba tad-difiza ta' l-imputati. Illi meta rega' xehed fis-27 ta' Awissu 2020[21] qal li illum il-gurnata l-affarijiet trangaw bejniethom u hafrilhom u saru hbieb mill-gdid u jixtieq iwaqqaf kollox.

Madankollu, minkejja din il-posizzjoni tal-parte civile, dawn il-proceduri huma ta' natura *ex officio* u ma jistghux jigu mwaqqfa minhabba l-fatt li l-parte civile iddikjara li qed jahfer lill-imputati. Ix-xhieda li nghatat minn Rosario Grech kienet u baqghet legalment valida u mill-istess xhieda qatt ma gew innegati jew mibdula l-fatti kif kien irrakkontahom il-vittma fl-ewwel deposizzjoni tieghu. Il-fatt li llum, skond il-parti leza, ir-relazzjoni tieghu ma' l-imputati rrangat tista' tigi meqjusa biss minn din il-Qorti bhala attenwanti fil-konsiderazzjonijiet taghha jekk jirrizulta li trid taghti piena.

[19] Folio 39 ta' l-atti processwali
[20] Folio 40 ta' l-atti processwali
[21] Folio 125-127 ta' l-atti processwali

Ix-xhieda ta' Rosario Grech gie ikkorroborata mix-xhieda ta' PS1227 Malcolm Pace li rrizulta li kien mar fuq il-post in kwistjoni wara li kien gie rapportat l-incident. Is-Surgent PS1227 jghid li l-vittma ghamel kuntatt darbtejn mal-pulizija. L-ewwel darba kienet ghaliex ra lil hutu jaghtu daqqiet ta' sieq u jkissru partijiet mill-karozza u t-tieni darba ghaliex regghu gew u din id-darba ppruvaw jaghtu n-nar lill-karozza u li rahom taht il-karozza iqabbdu s-sedil tal-passigier.

PS1227 ikkonferma li meta wasal fuq il-post *"innutajt il-vettura DCA 406 tal-ghamla Volkswagen li kienet ipparkjata faccata l-ohra ta' fejn jirrisjedi u li kellha l-windscreen ta' quddiem mifqugh u l-hgiega tan-naha tax-xuffier bid-daqqiet fuqha. Stajt ninnota ukoll diversi karti u kien hemm diversi karti li kellhom partijiet minnhom mahruqin kif ukoll li kienu qeghdin fl-art taht l-istess vettura."*[22]

Ix-xhud kompla jghid li Rosario Grech irrapportalu *"li ftit wara rega' induna bil-presenza taghhom fuq il-post fejn din id-darba sabhom baxxuti u kienu qeghdin iqabbdulu l-karozza. X'hin ra hekk nizel fejn is-seat tal-vettura kien qed jaqbad u l-ewwel haga li gietu f'idu kien tapit u pprova jitfih bih."*

Fit-triq in kwistjoni kien hemm bozza li kienet kwazi fuq il-karozza u kienet forsi xi hmistax-il pied il-boghod. Il-vittma ra lil hutu jigru u jitilqu lil hemm wara li ndunaw li kien qabadhom huhom u jghid li *"Errol telaq jigri immedjatament u huh iz-zghir Roderick ghalkemm telaq jigri wkoll, kien qieghed izappap."*[23]

Illi jidher li l-mottiv ta' dan kollu kien jirrigwardja inkwiet li kien hemm bejniethom u t-tfajla tal-vittma. Jidher ukoll li l-malviventi setghu

[22] Folio 64 ta' l-atti processwali
[23] Folio 66 ta' l-atti processwali

facilment jifthu l-karozza tal-vittma peress li ma kinitx tissakkar ghaliex is-serratura kienet bil-hsara.

**Stqarrija**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[24] ta' l-imputat Roderick Grech ittiehdet nhar il-5 ta' Marzu 2019, u cioe dak in-nhar stess ta' l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, iz-Zejtun fl-ufficju ta' l-Ispettur Trevor Micallef fil-prezenza ta' PC 1158 Christopher Saliba u dan wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issierlu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innfisha, ghazel li ma jezercitax dan id-dritt u ddikjara li qed jirrinunzja ghalih.[25]

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[26] ta' l-imputat Errol Grech ittiehdet nhar il-5 ta' Marzu 2019, ukoll dakinnhar ta' l-incident, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun fl-ufficju ta' l-Ispettur Trevor Micallef fil-prezenza ta' PC 1083 David Ellul u dan wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex kien qed jigi investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

[24] Dok TM4 Folio 15-16 u Dok TM6 Folio 18-20 ta' l-atti processwali
[25] Dok TM3, Folio 14 ta' l-atti processwali
[26] Dok TM6 Folio 18-20 u Dok TM6 Folio 18-20 ta' l-atti processwali

Illi anke l-imputat Errol Grech, inghata il-jedd li qabel ma ssierlu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista' jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni infisha. F'dan il-kaz, pero', l-imputat ghazel li jezercita dan id-dritt u ghamel kuntatt ma Dr. Martin Fenech permezz tat-telefon.[27]

Illi l-imputat Roderick Grech ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu fuq kull pagna. Illi mill-istqarrija l-imputat cahad u nnega li wettaq ir-reati li llum jinsab mixli bihom. Fil-hin ta' l-incident stqarr li kien rieqed fid-dar ta' ommu. Ikkonferma li dak il-lejl kien barra jixrob ma' huh Errol Grech u li dahal id-dar jorqod fis-sieghat bikrin ta' filghodu. L-imputat ghazel li ma wegibx ghal certu mistoqsijiet u stqarr ukoll li qatt ma kellu glied ma' huh Rosario, izda biss ma Errol, il-ko-imputat.

Illi l-imputat Errol Grech ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu fuq kull pagna. Illi mill-istqarrija l-imputat cahad u nnega li wettaq ir-reat. Fil-hin ta' l-incident stqarr li kien Hal-Ghaxaq ma' huh Roderick f'bar jixorbu u wara mar id-dar ghand ommu jorqod flimkien ma' huh Roderick. Ikkonferma li dak il-lejl kien barra jixrob ma' huh Errol Grech u li dahal id-dar jorqod fis-sieghat bikrin ta' filghodu. Anke f'dan il-kaz, l-imputat ghazel li ma jwegibx certu mistoqsijiet u jghid ukoll li qatt ma kellu glied ma' huh Rosario, izda biss mal-ko-imputat l-iehor, Roderick Grech.

**Ikkunsidrat**

[27] Dok TM5, Folio 17 ta' l-atti processwali

Illi mill-assjem tal-provi kollha prodotti, jirrizulta li l-prosekuzzjoni qeghdin jistriehu principalment, jekk mhux unikament, fuq ix-xhieda tal-parte civile biex jipprovaw il-kaz taghhom. Meta l-prosekuzzjoni taghzel li tistrieh fuq ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, hija ggorr il-piz li trid tipprova li dik ix xhieda hija wahda kredibbli u soddisfacenti u li ma ggorrx maghha dubji ragonevoli.

Huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"* (**Pulizija vs Paolo Farrugia,** App. Krim. (inf.), 1.8.1959) u li, bhala <u>principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali</u>, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"* (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (App. Krim. (superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (App. Krim. (superjuri) 5.7.2002)). Naturalment, mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat: id-dubju irid ikun wiehed dettat mir-raguni (**Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** [App. Krim. 7.9.1994]).

Illi filwaqt li l-prosekuzzjoni tistrieh fuq il-provi principali tal-parte civile sabiex tipprova l-kaz taghha, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid l-**artikolu 638(2)** tal-Kodici Kriminali.

> *(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

Dan ifisser li jekk ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, f'dan il-kaz, Rosario Grech, hija emmnuta tista' tikkostitwixxi prova bizzejjed ghas-sejbien ta'

htija. Illi dan il-principju gie konfermat diversi drabi u bizzejjed issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[28] fejn il-Qorti tghallem illi:

*"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*

Madankollu kif gie spejgat fil-kaz **Il-Pulizija vs Matthew Borg**[29]

*"Illi fid-dawl tas-suespost u cioe' x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Kieran Vella**[30]

*" Issa meta l-Qorti tasal biex taghzel bejn verzjoni u ohra, naturalment jittiehdu in konsiderazzjoni id-diversi parametri fosthom il-komportament*

[28] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Lulju 2003
[29] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-10 ta' Novembru 2014
[30] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-6 t'Ottubru 2016

*tax-xhieda biex wiehed jara kemm dak li qed jghidu ghandu mis-sewwa jew le."*

Il-Qorti ghalhekk fl-ezami ta' dak kollu li ghandha quddiemha trid tara u tqis jekk hemmx provi bizejjed sal-grad rikjest mill-ligi kif tipprovdi l-gurisprudenza taghna. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[31] u cioe':

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Ghalhekk mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa din il-Qorti tqis li l-verzjoni moghtija mill-parte civile hija, fil-preponderanza tal-provi prodotti, wahda verosimili u kredibbli. Konsegwentement il-Qorti ihossha moralment konvinta li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni u sejra taghddi sabiex issib lill-imputati hatja ta' din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

[31] 1974 – 2 ALL ER 372

**It-tieni imputazzjoni**

L-imputati gew akkuzati talli bhala konsegwenza tad-daqqiet u n-nar li ghamlu mal-vettura ta' Rosario Grech u ikkawza hsara volontarja skond l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

L-artikolu 325(1)(b) jghid:

*(1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar,jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jewimmobbli, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt euro (2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn uħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar*

Illi x-xhud PS1227 Malcom Paceipprezenta sett ta' sitt ritratti[32] li juru l-hsarat li garbet il-karozza u l-istess jirrizulta mir-rapport ta' PS976 Thomas Zammit[33].

Ix-xhud Rosario Grech stqarr li ghamel stima tal-hsarat li sarulu fuq il-vettura maghmula minn certu Tyrone Spiteri. Fiz-zmien li ta x-xhieda tieghu il-vittma, cioe sitt ijiem wara l-incident, kienu ghadu ma ghamilx ix-xogholijiet kollha tat-twissija izda kien bdihom u kien fil-process li jaghmilhom kollha.

Madankollu din is-stima jew rapport li jindika l-valur ma gietx ipprezentata fil-mori tal-kawza u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax tiddetermina l-valur ezatt tal-hsara.

[32] Dok MP1 Folio 73 ta' l-atti processwali
[33] Dok TZ1 Folio 89-108 ta' l-atti processwali

Dan ma jfissirx pero li din il-Qorti ma tistax issib lill-imputati hatja tal-hsara volontarja skont l-artikolu 325. Il-paragrafi (a) sa (d) ta' l-artikolu 325(1) qeghdin hemm biex jikkalibraw il-piena applikabli u mhux biex joholqu reati individwali u separati. Madankollu din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li t-tieni imputazzjoni hija ristretta biss ghat-test tal-paragrafu (b) tal-artikolu 325(1) u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tmur lil hinn minn dik il-piena indikata fl-istess paragrafu. Peress illi mill-provi jirrizulta li l-hsara volontarja saret izda mhuiex determinat b'mod ekwivoku l-ammont l-imputati ghandhom jinstabu hatja, izda bil-piena stabillita fil-artikolu 325(1)(d).

Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tghaddi sabiex issib lill-imputati hatja tat-tieni imputazzjoni skond l-artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux skond l-artikolu 325(1)(b) ta' l-istess Kodici Kriminali.

**Ikkunsidrat**

**It-tielet imputazzjoni**

Illi mix-xhieda ta' PS1227 Malcolm Pace irrizulta li jumejn qabel dan l-incident, l-imputat Rodercik Grech kien mar gewwa r-residenza tal-vittma u wara li fetahlu nnota li f'idu kellu tnalja u beda jistaqsieh jekk it-tfajla li kellu kinitx gewwa l-istess residenza tieghu. Kien biss wara li nfurmah li m'ghadhiex hemm li telaq il-barra.

Il-vittma kien qal lix-xhud li *"jinsab imbezza' minhabba fihom ghax zgur se jkomplu jaqbdu mieghu."*[34]

[34] Folio 66 ta' l-atti processwali

Illi madankollu, anke mix-xhieda ta' Rosario Grech, din il-Qorti ma tqisx li jirrizulta dak li jitolbu l-Qrati taghna sabiex tinstab htija taht l-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali. Fil-fatt, din il-Qorti tqis li s-sensiela ta' avvenimenti qabel l-incident tal-5 ta' Marzu 2019, jew dak il-*course of conduct* kif titlob il-ligi, ma jirrizultax soddisfacjentement ipprovat.

F'kull kaz, u di piu', il-Qorti tqis li l-imputazzjoni kif postulata, teskludi, minnha nfisha, il-possibilita' li l-imputati jinstabu hatja tal-artikolu 251B u dan peress li l-imputazzjoni tirrigwardja biss faxxa ta' hin ta' bejn l-4:30am u l-5:00am tal-5 ta' Marzu 2019. Sakemm ma jirrizultax li kien hemm zewg incidenti, sufficjentement separati u distinti, li jkunu jistghu jikkostitwixxu dak il-*course of conduct* mehtieg skond il-gurisprudenza taghna, f'dik il-faxxa ta' hin, mel'allura it-tielet imputazzjoni ma tkunx tista' tirrizulta.

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta li l-imputati marru darbtejn iwettqu l-hsara fuq il-vettura tieghu, izda din il-Qorti ma thossx li dan jiffigura f'zewg incidenti separati u distinti, u wisq anqas jirrizulta li, bis-sahha ta' dawn l-incidenti, giet ikkagunata l-biza fil-parti leza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha.

Fir-rigward tal-prova mressqa dwar rapport li sar jiem qabel l-incident tal-5 ta' Marzu 2019, dawn il-provi mressqin mill-prosekuzzjoni jammontaw biss ghal *hearsay evidence*, liema provi mhumiex sufficjenti. Mill-kumplament, ma tressqux aktar provi.

Għaldaqstant, stante li din il-imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-ligi, din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tillibera lill-imputati minnha.

**Ikkunsidrat**

**Ir-raba imputazzjoni**

**L-Addebitu tar-recidiva**

Illi l-imputat Roderick Grech gie akkuzat wahdu ukoll li f'kaz ta' htija ghandu jigu meqjus li huwa recidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni ressqet zewg sentenzi.

Illi fir-rigward is-sentenza esebita tal-15 ta' Mejju 2020[35] l-imputat kien gie ikkundannat tali kiser kundizzjonijiet impost fuqu u gie ikkundannat piena ta' sitt (6) xhur prigunerija kif ukoll li gie ordnat l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta s-somma stabbilita fid-digiret tal-helsien mill-arrest u ordnat l-arrest tieghu mill-gdid. Illi din is-sentenza inghata wara li l-imputat kien tressaq ghal dawn l-akkuzi u ghalhekk ma tapplikax stante li r-reat giet kommessa wara dan l-incident

Illi fir-rigward din is-sentenza l-Qorti tara li l-konnotati tal-imputat jaqblu ma' dawk ta' l-imputazzjonijiet kif ukoll mal-fedina penali u l-ufficjal prosekutur kien l-istess ufficjal prosekutur li qed imexxi din il-kawza u ghaldaqstant tqis li din is-sentenza hija prova valida ghall-finijiet tar-recidiva.

[35] Folio 109-111 ta' l-atti processwali

Illi fir-rigward it-tieni sentenza esebita tat-18 ta' Jannar 2020[36] din tirrigwardja lill-imputat Errol Grech. Stante li l-imputat Errol Grech ma giex akkuzat bl-addebitu tar-recidiva u minkejja li r-relevanza ta' din is-sentenza ma tqajmitx mid-difiza ta' l-imputat Errol Grech, din il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Ghalhekk il-Qorti tara li l-addebitu tar-recidiva ma gietx sufficjentement ipprovata fil-konfront ta' l-imputat Roderick Grech u m'ghandux jitqies recidiv ghall-fini tal-artikoli 49 u 50.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi kif gie iddikjarat hawn fuq il-Qorti sejra tghaddi issib lill-imputati hatja ta' uhud mill-imputazzjonijiet u ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti:

-Il-prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali ta' l-imputat Roderick Grech.[37] Minn ezami tal-fedina penali refrattarja jirrizulta li fil-passat, fis-sena 2014 kien wettaq reat fuq huh Errol Grech kif ukoll offizi ohrajn fuq il-persuna. Apparti dawn, kien ukoll gie kkundannat inter alia ghal zamma t'armi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll serq semplici u ksur tal-Ligi tal-VAT. Illi wara din il-kawza jidher li l-imputat baqa ghaddej b'kwistjonijiet ma' huh l-iehor Errol Grech, il-ko-imputat, u l-inkwiet mal-membri tal-familja tieghu baqghu ghaddejjin.

---

[36] Folio 101-103 ta' l-atti processwali
[37] Dok TM9 – Folio 23-26 minn wara u quddiem

-Il-prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali ta' l-imputat Errol Grech.[38] Ghalkemm l-imputat, ghal xi raguni, ma giex imressaq li huwa recidiv, minn ezami tal-fedina penali refrattarja jirrizulta li fil-passat, fis-sena 2014 kien diga wettaq reat fuq huh Roderick Grech, missieru Grazio Grech, kif ukoll offizi ohrajn fuq il-persuna. Apparti dawn, gie kkundannat ukoll, *inter alia*, ghal sewqan traskurat kif ukoll serq kwalifikat bil-vjolenza numerika u bil-valur. Illi wara din il-kawza jidher li l-imputat ukoll baqa' ghaddej b'kwistjonijiet ma' huh l-iehor Roderick Grech u l-inkwiet mal-membri tal-familja tieghu baqghu ghaddejjin.

-Il-vittma hafer lil hutu u llum tejbu r-relazzjoni taghhom wara li rrangaw id-differenzi ta' bejniethom.

- Il-karrozza kienet ipparkjata f'zona residenzjali qalb karozzi ohrajn. Ir-reat gie imwettaq matul il-lejl, meta n-nies normalment ikunu reqdin u allura dan ir-reat seta' facilment sar minghajr hadd ma nduna bih. Kien b'xorti tajba li l-vittma qam u nduna bin-nar u tfieh. Li kieku ma sarx hekk dan l-incident seta facilment aggrava malajr u nfirex b'detriment kbir ghall-karozzi u residenti l-ohra fl-inhawi.

- Jirrizulta li l-mottiv tar-reat kien ghal kollox kapriccjuz. Wara li l-imputati vvandalizzaw u ghamlu l-hsara lill-vettura, rahom il-vittma, u harbu 'l hemm, xorta regghu irritornaw u qabbdu bin-nar l-istess vettura.

-Jirrizulta wkoll li minkejja li l-imputati gew imwissija u nghataw diversi opportunitajiet mill-Qrati sabiex jimxu fit-triq it-tajba, ripetutament

[38] Folio 26- 29 minn wara u quddiem

ghazlu li jaghmlu atti ta' hsara lil persuni ohra, b'mod partikolari, membri tal-familja taghhom stess.

-Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala: (a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.

-Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputati izda trid ssib bilanc bejn il-gravita tal-kaz u l-harsien u l-interessi tas-socjeta in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

-Din il-Qorti ghandha responsabbilita' tara li zzomm il-bilanc bejn dak li huwa fl-interess tas-socjeta' u dak li huwa fl-interess ta' l-imputat. Madankollu din il-Qorti tara li l-imputati ma jistghux liberament jiehdu l-ligi b'idejhom b'dan il-mod u tara li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ghandhom sservu piena karcerarja b'mod effettiv.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 317(b), 325(1)(b)(d), 251B, 251H(a)(b)(e), 49, 50, 17, 31, 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil:

**Roderick Grech:**

**Mhux hati** tat-tielet u r-raba′ imputazzjonijiet dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena f′dan ir-rigward.

**Hati** ta′ l-ewwel imputazzjoni, u tat-tieni imputazzjoni skond l-artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, u tikkundannah ghal piena ta′ prigunerija effettiva ta′ erba′ (4) snin li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gja′ skontati taht arrest preventiv.

u lil **Errol Grech:**

**Mhux hati** tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minn kull htija u piena

**Hati** ta′ l-ewwel imputazzjoni u tat-tieni imputazzjoni skond l-artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta u tikkundannah ghal piena ta′ prigunerija effettiva ta′ erba′ (4) snin li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gja′ skontati taht arrest preventiv.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħatja Roderick Grech u Errol Grech taħt obbligazzjoni tagħhom personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) liema perjodu ghandu jibda jiddekorri wara li kull wiehed mill-imputati jkun skonta l-perjodu ta′ prigunerija effettiv rispettiv.

In vista tal-fatt li r-rapport tax-xhud PC976 Thomas Zammit ma jindikax l-ammont, din il-Qorti ma tistax taghmel ordni ta′ hlas lir-Registratur tal-Qorti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

In vista tal-fatt li ma gie pprezentat ebda rapport jew stima dwar il-valur ta′ hsara li soffra l-vittma, din il-Qorti ma tistax taghmel ordni ta′ kumpens skond l-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Fl-ahhar nett, in vista tal-fatt li l-vittma hafer lill-imputati u dawn regolarment jitkellmu u jiltaqghu flimkien din il-Qorti tqis li ma ghadhomx jezistu r-ragunijiet validi sabiex tohrog Ordni ta′ Protezzjoni skond l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta u ghaldaqstant tichad it-talba tal-prosekuzzjoni.

**Moghtija illum nhar is-26 ta′ Novembru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**